

Brussell, 30 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12835/22

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0422(COD)

COPEN 330
DROIPEN 128
ENV 918
JAI 1232
CODEC 1357

RAPPORT

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti / Il-Kunsill
Nru. dok. preċ.	12222/22
Nru dok. Cion:	14459/21 + COR 1
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE - Rapport ta' progress

Introduzzjoni

Fil-15 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tad-dritt kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE. Il-proposta kienet akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt u komunikazzjoni.¹

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta wara li fl-2019/2020 evalwat id-Direttiva 2008/99/KE dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali.

¹ 14459/21 + COR 1 + ADD 1 + ADD 2 REV 1 + ADD 3.

F'din l-evalwazzjoni², il-Kummissjoni sabet li dik id-Direttiva ma tantx ħalliet effett fil-prattika: tul dawn l-aħħar għaxar snin, l-għadd ta' każijiet ta' reati ambjentali li ġew investigati u ġudikati baqa' baxx. Barra minn hekk, il-livelli ta' sanzjonijiet imposti kienu baxxi wisq biex ikunu dissuazivi u l-kooperazzjoni transfruntiera ma seħħitx b'mod sistematiku.

Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb l-effettività tad-Direttiva. Hija tiddefinixxi r-reat ambjentali b'aktar preċiżjoni, iżżid kategoriji ġodda ta' reati ambjentali fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, u tintroduċi diversi dispożizzjonijiet ġodda, fosthom dwar il-livelli massimi minimi ta' sanzjonijiet għal persuni fiżiċi u ġuridiċi, dwar taħriġ speċifiku għat-tisħiħ tal-katina tal-infurzar tal-liġi, dwar l-allokazzjoni adegwata tar-riżorsi, u dwar l-għodod ta' investigazzjoni transfruntiera. Fiha dispożizzjonijiet biex jiġu appoġġati l-persuni li jirrapportaw reati ambjentali, id-difensuri ambjentali u l-persuni milquta minn reati ambjentali. Għandha l-għan li ttejjeb il-ġbir ta' data statistika dwar il-proċedimenti għal reati ambjentali sabiex jiġu mmonitorjati u evalwati aħjar ir-riżultati tal-miżuri meħuda u jiġu identifikati l-istadji problematiċi fil-katina tal-infurzar.

Diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma COPEN

Immedjatament wara l-preżentazzjoni tagħha, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali (COPEN) beda jeżamina l-proposta. F'Ġunju 2022, b'ħidma taħt il-Presidenza Franċiża, il-Kunsill qabel dwar approċċ ġenerali parzjali dwar it-test, relatat mal-Artikolu 2 (ħlief id-definizzjonijiet ta' "pubbliku kkonċernat" u "vittma"), l-Artikoli 3 u 4, u l-premessi assoċjati magħhom.³

Mill-1 ta' Lulju 2022, il-Grupp ta' Ħidma COPEN kompla l-eżami tal-parti li fadal tal-proposta taħt il-Presidenza Ċeka. Għal dak il-għan, il-Grupp ta' Ħidma COPEN iltaqa' fuq ħamest ijiem fit-13 u l-14 ta' Lulju, is-7 u t-8 ta' Settembru u t-28 ta' Settembru 2022. Il-laqgħa tiegħu li jmiss hija ppjanata għad-19 ta' Ottubru.

² SWD (2020) 260 final

³ 9374/22 (dokument pubbliku).

Id-diskussjonijiet iffukaw fuq id-dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet (l-Artikoli 5-9), iżda ġew eżaminati wkoll id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha, fosthom dawk dwar il-perjodi ta' limitazzjoni (l-Artikolu 11), il-ġurisdizzjoni (l-Artikolu 12), l-ġhodod investigattivi (l-Artikolu 18), l-istrategġja nazzjonali (l-Artikolu 20) u l-ġbir tad-data u l-istatistika (l-Artikolu 21).

B'mod ġenerali, il-Grupp ta' Ħidma għamel progress sostanzjali lejn test leġislattiv li jista' jiġi appoġġat minn maġġoranza kwalifikata tal-Istati Membri.

Diskussjonijiet fil-CATS

Fl-21 ta' Settembru 2022, il-Kumitat ta' Koordinazzjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (CATS) iddiskuta kwistjonijiet magħżula li jikkonċernaw sanzjonijiet għal persuni fiżiċi u ġuridiċi.⁴

Maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet setgħu jaqblu li l-livelli ta' sanzjonijiet għall-persuni fiżiċi fl-Artikolu 5(4) u (5) jiġu stabbiliti għal ħames u tliet snin, rispettivament. Id-delegazzjonijiet taw il-fehmiet tagħhom dwar aspetti oħra marbuta mas-sanzjonijiet, kemm għall-persuni fiżiċi kif ukoll għall-persuni ġuridiċi.

Fit-28 ta' Settembru 2022, komplew id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma COPEN, b'kont meħud tar-riżultati tal-laqgħa tal-CATS. Il-Presidenza għalqet id-diskussjonijiet dwar għadd ta' artikoli fejn kien intlaħaq qbil. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet, b'mod partikolari, jeħtieġ li jiġu diskussi aktar.

Għan tal-Presidenza

Il-Presidenza għandha l-għan li tilħaq approċċ ġenerali fil-laqgħa tal-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) f'Diċembru 2022. Dak l-approċċ ġenerali ser jikkostitwixxi l-mandat għan-negozjati futuri mal-Parlament Ewropew, sabiex jintlaħaq qbil fil-kuntest tal-proċedura leġislattiva ordinarja.

⁴ 12221/22.